**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru, 2022**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 710/2016**

**John sive Ganni Bonnici u Pauline sive Polly Bonnici**
**ghal kull interess li jista' jkollha; u**
**b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2018**
**Pauline sive Polly Bonnici assumiet l-atti**
**f'isem John sive Ganni Bonnici**
**bhala kustodju tieghu u**
**b'digriet tal-20 ta' Novembru 2019**
**Herman u Kurt ahwa Bonnici assumew**
**l-atti bhala eredi tal-attur John sive Ganni Bonnici**
**stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Fr. Marc Andrè Camilleri fil-kwalita tieghu ta' Kapillan pro tempore**
**tal-Parocca ta' Rahal Gdid fl-isem l-istess Parrocca u**
**Dr Michelle Tabone bhala ekonomu ta' Monsinjur**
**Charles J. Scicluna, Arcisqof Metropolita ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-18 ta' Awwissu, 2016 li jghid hekk:

Digriet Provvisorju
1. Illi b'digriet provvisorju ta' dina l-Onorabbili Qorti tal-20 ta' Lulju 2016 l-intimati gew ordnati mill-Qorti biex:
Ma jaghmlu ebda modifiki jew alterazzjonijiet jew kwalsiasi azzjoni jew trattament ta' ebda tip la fuq l-istatwa ta' Kristu Re, mertu ta' dawn il-proceduri, il-pedestall li fuqha kien jinsab u n-nicca li kienet titpogga fiha u illi ghandhom jibqghu jinzammu fil-binja

tal-knisja parrokkjali sa kemm tinqata' l-pendenza jew jinghata ordni mod iehor mill-Qorti.
Ma jiddahhlu ebda statwi jew oggetti ohra huma x'inhuma fin-nicca jekk mhux b'ordni tal-Qorti jew bil-kunsens tar-rikorrenti.
Spejjez bla taxxa.

2. Illi a termini tal-artikolu 8(5) tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrent qed jipprezenta dawn il-procedimenti li ghandhom iwasslu ghal decizjoni fuq il-mertu tal-kaz.

Fatti
3. Illi l-fatti li taw lok ghat-talba ghal mizuri prekawzjonali u ghat-talba prezenti fil-mertu ghall-harsien u ksur tad-dritt intellettwali tar-rikorrent, jikkonsistu f'illi r-rikorrent qed jikkontendi li hu l-awtur tax-xoghlijiet artistici konsistenti f'disinn u l-abbozz li minnu saret l-istatwa ta' Kristu Re kif ukoll disinn u abbozz ta' nicca li kienet maghmula ghall-istess statwa, kommissjonati mill-parrocca ta' Rahal Gdid. Kemm l-istatwa u kif ukoll in-nicca gew approvati mill-awtoritajiet ekklessjastici u anki mill-istess parruccani. Illi b'decizjoni tal-intimati l-istatwa ta' Kristu Re ma baqghetx it-titulari tal-imsemmija parrocca u tnehhiet min-nicca u ghalkemm intqal li l-istatwa hija fl-Oratorju, ir-rikorrent ma jafx f'liema stat hija specjalment meta wiehed iqis illi ma ghadhiex mizmuma fuq il-pedestall li fuqha kienet mqeghdha (u dana ghalkemm l-Qorti ordnat li l-pedestal ma jintmissx). In-nicca thalliet fil-knisja u mhux maghruf x'ser jiddahhal fiha u x'inhuma l-intenzjonijiet tal-intimati dwar din 'il quddiem specjalment meta wiehed jikkonsidra illi waqt it-trattazzjoni gie kkonfermat illi biex tidhol l-istatwa l-gdida ta' Kristu Re jridu jsiru modifiki fin-nicca.

Premessi
4. Illi r-rikorrenti qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq id-drittijiet morali tal-awtur li l-ligi fil-Kap. 415 artikolu 12 subinciz 1 taghti lil awturi ta' opri artistici (fosthom xoghlijiet ta' skultura u/jew xoghlijiet ta' sengha artistika -ara Kap. 415 taht 'Tifsiriet', 'xoghlijiet artistici') li jikkonsistu fid-dritt li jipprojbixxi l-mutilar, modifika, tghawwig jew tmaqdir tax-xoghol artistiku. Testwalment dana l-artikolu jghid hekk:
12. (1) Ebda persuna, inkluz ic-cessjonarju ta' drittijiet tal-awtur jew detentur tal-licenza bis-sahha taghhom, ma tkun tista' minghajr il-kunsens tal-awtur, timmutila, timmodifika, tghawweg jew tas-soggetta ghal xi azzjoni ohra ta' tmaqdir xi xoghol waqt il-perjodu tieghu ta' drittijiet tal-awtur b'mod detrimentali ghall-unur jew ghar-reputazzjoni tal-awtur.

5. Fil-kaz in ezami d-disinn u l-abbozz li minnu saret l-istatwa ta' Kristu Re kif ukoll disinn u abbozz tan-nicca li kienet maghmula ghall-istess statwa, kienu ikkommissjonati mill-parrocca ta' Rahal Gdid kif intqal qabel.

6. L-istatwa u n-nicca la darba huma xoghlijiet artistici, ghax prodott tal-inventiva tal-artist, ghalhekk igawdu minn protezzjoni bil-ligi taht il-Kap. 415 u Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta. Mhux kontestat li dawn huma xoghlijiet artistici kif jidher mill-fuljett kommemorattiv mahrug mill-Parrocca ta' Rahal Gdid (prezentat mar-rikors kawtelatorju taht il-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta) u anki dawn ix-xoghlijiet ma gewx kontestati illi huma xoghlijiet artistici da parti tal-intimati fir-risposta ghar-rikors kawtelatorju.

7. Illi b'decizjoni mehuda mill-intimati l-istatwa disinjata mir-rikorrenti ma ghadhiex l-istatwa titolari u tnehhiet min-nicca, liema nicca kienet saret fuq disinn biex takkomoda l-istess statwa. Illi r-rikorrenti kien gie mqabbad mill-intimati jiddisinja din in-nicca biex tikkomplimenta l-istatwa li hu stess kien iddisinja u ghalhekk ir-rikorrent jikkontendi u jqis din-nicca bhala xoghol artistiku ancillari u kumplimentari ghall-istatwa u ghalhekk iz-zewg opri ghandhom jitqiesu quid unum fil-kuntest tal-protezzjoni mitluba.

8. Illi l-esponenti jikkontendi li jezisti ness bejn ix-xoghol artistiku u l-awtur tieghu fil-persuna tar-rikorrenti ghalhekk meta l-istatwa ta' Kristu Re ma baqghetx l-istatwa titolari u giet mnehhija min-nicca u tqeghdet f'post iehor gie vjolat id-dritt morali tal-artist. Illi meta tnehhiet l-istatwa min-nicca l-integrita tal-istatwa giet mittiefsa u dan billi tnehhiet min-nicca maghmula appositament ghaliha ghall-istallazzjoni u preservazzjoni taghha.

9. Dan ifisser li a bazi tal-ligi (artikolu 3 tal-Kap. 488) ir-rikorrenti ghandu l-jedd li jipprotegi d-drittijiet morali intellettwali tieghu fuq l-istess statwa u nicca bhala xoghlijiet artistici konnessi. Id-dritt morali jikkonsisti fid-dritt ta' attribuzzjoni tax-xoghol mal-awtur tieghu u d-dritt ta' integrita tal-istess xoghol jekk tali xoghol jigi trattat b'mod illi jista' jnaqqas fir-reputazzjoni jew l-unur tal-awtur. Illi d-dritt morali jemana rrispettivament mid-dritt tal-awtur u min attwalment izomm tali dritt jew d-drittijiet ekonomici derivanti.

10. Illi fil-fatt l-istatwa ttiehdet fl-Oratorju tal-knisja u giet imnehhija minn fuq il-pedestall taghha. Illi l-pedestall kien wiehed antik gia appartenenti lill-parrocca qabel saret l-istatwa, izda l-istatwa giet mudellata sabiex tigi akkomodata fuq dak il-pedestall li kellha l-knisja (saqajn l-istatwa mhux qeghdin catti imma fit-tond). Fil-programm tal-festa tal-1999 esebit bhala Dok. BV2 a fol. 8 fl-atti tar-rikors kawtelatorju degretat fl-20 ta' Lulju 2016, hemm artikolu li jikkonferma din is-sottomissjoni. Il-mod kif issa l-istatwa thalliet minghajr il-bazi li fuqha kienet, u barra min-nicca maghmula appositament ghaliha, qed inaqqsu mill-integrita tal-istess xoghol u reputazzoni tar-rikorrent apparti l-fatt illi l-esponent ma jafx f’liema stat hija l-istess statwa u jekk batitx xi hsara ghax qatt ma inghata access ghalija kemm ilha li tnehhiet u ghalhekk se ssir talba appozita biex isir access biex jigi kostatat l-istat attwali tal-istatwa.

11. Inotlre l-fatt li n-nicca tista' tintuza ghal skopijiet ohra oltre t-tqeghid tal-istatwa iddisinjata ghaliha mir-rikorrenti jikkostitwixxi azzjoni derogatorja li fil-fehma tar-rikorrenti jkun ta' pregudizzju ghall-unur u reputazzjoni tieghu meta jitqies li dawn huma xoghol quid unum.

12. L-istatwa l-qadima u n-nicca ghandhom jitqiesu xoghol artistiku wiehed kumplimentari ghal kull komponent taghha u li l-uzu tan-nicca ghal skopijiet aljeni ghal dak originarjament intiz ghandu jitqies bhala trattament derogatorju anki meta wiehed jikkonsidra wkoll id-dikjarazzjoni tal-intimati li biex tidhol l-istatwa titolari l-gdida jridu jsiru modifici fl-imsemmija nicca.

13. Illi anki jekk pero dina l-Onorabbli Qorti tqis li l-istatwa u n-nicca mhumiex xoghol kumplimentati ghal xulxin, xorta wahda l-istess xoghlijiet artistici jgawdu protezzjoni individwalment peress li xorta jibqghu xoghlijiet artistici per se. Fil-kaz tan-nicca din

giet maghmula appozitament biex titqieghed l-istatwa tar-rikorrent, kif se jigi pprovat fit-trattazzjoni tal-kawza, liema nicca ssawret b'certu still adatt ghall-istatwa tar-rikorrent u ghalhekk jekk tiddahhal l-istatwa l-gdida li hija bbazata fuq stil barokk u ghalhekk kompletament divers mill-istatwa tar-rikorrent dan iwassal biex jinkissru d-drittijiet morali tar-rikorrent billi jnaqqsu mir-reputazzjoni tieghu u l-integrita tal-istess xoghol f'ghajnejn il-pubbliku. Jinghad ukoll illi il-fatt li l-istatwa tar-rikorrent, li kienet intghazlet mill-Curia Arciveskovili bi process ufficjali u miftuh ghall-pubbliku u nghatat status ta' titular, il-fatt biss li tiddahhal statwa ohra ta' Kristu Re kwalunkwe minn artist iehor fix-xoghol artistiku tar-rikorrent huwa agir derogatorju u ta' tmaqdir ghar-reputazzjoni u l-unur tar-rikorrent.

14. Ir-rikorrent qatt b'xi mod ma ceda jew irrinunzja ghad-drittijiet morali tieghu skont il-Kap. 415 u/jew Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan irrispettivament f'min ighawdi d-dritt tal-awtur.

15. Illi l-intimati ghalkemm interpellati biex ma johorgux l-istatwa (ara l-ewwel ittra legali mibghuta lill-intimati fl-atti tar-rikors taht il-Kap. 488) min-nicca xorta ghamlu dan b'mod illi diga illedew id-drittijiet morali tar-rikorrent. L-intimati interpellati biex ma jiksrux id-drittijiet tar-rikorrent wiegbu illi l-istatwa hija taghhom u ghalhekk setghu jaghmlu li jridu biha, li jfisser li huma ma jirrikonoxxux li jezisti xi dritt morali tal-awtur/rikorrent mentri fil-fatt dana mhux hekk ghax dan id-dritt huwa rikonoxxut mill-ligi fuq xoghol artistiku kif maghmul mir-rikorrent f'dan il-kaz.

16. Ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni u moghtija kull provvediment iehor necessarju:

1. Tordna illi jigu allegati l-atti kollha tar-rikors numru 546/2016MCH.

2. Tordna illi jsir access sabiex jigi kkostatat fejn tinstab u kif qed tinzamm prezentement l-istatwa ta' Kristu Re tar-rikorrent u n-nicca li fiha kienet tinzamm l-istatwa.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi li l-istatwa ta' Kristu Re kif ukoll n-nicca li kienet maghmula ghall-istess statwa huma xoghlijiet artistici ghax prodott tal-inventiva tal-artist ghalhekk igawdu minn protezzjoni, fosthom id-drittijiet morali tal-awtur bil-ligi taht il-Kap. 415 u 488 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tiddikjara illi n-nicca ddisinjata mir-rikorrenti tikkomplimenta l-istatwa li hu stess kien iddisinja u ghalhekk in-nicca ghandha titqies ukoll bhala xoghol artistiku ancillari u kumplimentari ghall-istatwa u ghalhekk ghandha titqies quid unum fil-kuntest tal-protezzjoni mitluba.

5. Tiddikjara illi meta l-istatwa ta' Kristu Re ma baqghetx titular u giet mnehhija min-nicca u tqeghdet f'post iehor, gie vjolat id-dritt morali tal-awtur billi meta tnehhiet l-istatwa min-nicca l-integrita tal-istatwa giet mittiefsa billi tnehhiet min-nicca maghmula ghall-istallazzjoni u preservazzjoni taghha u dana qed inaqqas mill-integrita tal-istess xoghol u reputazzjoni u unur tar-rikorrent.

6. Tiddikjara illli jekk n-nicca tintuza ghal skopijiet ohra oltre t-tqeghid tal-istatwa iddisinjata mir-rikorrenti dan ser jikkostitwixxi azzjoni derogatorja li jkun ta' pregudizzju ghall-unur u reputazzjoni tar-rikorrenti u dana peress illi n-nicca anki wehedha ghandha tigi kkunsidrata bhala xoghol artistiku u ghalhekk tgawdi protezzjoni indipendentement u dana jekk din il-Qorti tiddeciedi li z-zewg xoghlijiet ma ghandhomx jigu kkunsidrati quid unum.

7. Tiddikjara u tiddeciedi illi intimati ghalhekk huma unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofra u ghad irid isofri r-rikorrent, inkluz danni morali minhabba l-agir kontra l-ligi da parti taghhom bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 415 u 488 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Tillikwida dawn id-danni, u spejjez ohra inkorsi mir-rikorrenti, biex jipprotegi d-drittijiet tieghu.

9. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti in linja ta' danni dak l-ammont li jigi hekk likwidat minn dina l-Onorabbili Qorti.

10. Tordna kull rimedju iehor, inkluz il-pubblikazzjoni taht l-artikolu 14 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, li dina l-Onorabbli Qorti tista' tiehu ai termini tal-Kap. 415 u 488 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimati u dan kollu a spejjez tal-intimati.

11. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni, inkluzi l-ispejjez gudizzjarji gja inkorsi b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lilu ghal danni ulterjuri mid-data tal-intavolar ta' dawn il-proceduri sad-data tal-pagamenti effettiv.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi, preliminarjament, il-prezentatata ta' din il-kawza, mill-attur Ganni Bonnici, hija nulla, stante illi kemm il-Kodici Civili, kif ukoll il-Kap. 16 tal-Ligijiet, ma jippermettux illi persuna toqghod fil-gudizzju u tipprezenta kawzi tramite il-rnandatarju taghha, meta dik il-persuna ma tkunx assenti minn Malta u ghalhekk ghandu jigi dikjarat u deciz, illi fir-rigward tal-istess Ganni Bonnici, it-talbiet attrici huma kollha nulli, irriti u inammissibbli u ghandhom jigu kollha respinti.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attrici Pauline sive Polly Bonnici, f'isimha proprju ma ghandhiex interess guridiku b'din il-kawza, stante illi d-drittijiet Ii qed jigu vantati f'din il-kawza, ai termini tal-Kap. 415 u 488 tal-Ligijiet ta Malta kieku verament jezistu, jispettaw, se mai, lill-artist Ii skont ir-Rikors Guramentat kien John sive Ganni Bonnici, u mhux l-istess Pauline Bonnici u ghalhekk ukoll, it-talbiet koIlha fil-konfront taghha, tal-istess attrici Pauline sive Polly Bonnici de proprio ghandhom jigu kollha respinti.

3. IIi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, imma dejjem in via preliminari, il-konvenuta Dottor Michelle Tabone, bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Charles J. Scicluna, Arcisqof ta' Malta, ma hijiex il-Iegittima kontratidrici f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-atturi iridu jipprovaw illi huma ghandhom xi drittijiet, morali, artistici u/jew intellettwali x'jikkawtelaw fir-rigward tal-istatwa u nicca u senjatament ghandu jigi ippruvat kif jippretendu l-atturi illi Ganni Bonnici ghandu xi drittijiet morali, artistici u intellettwali fuq l-istatwa l-antika ta' Kristu Re u fuq in-nicca imsemmija fil-kawza, stante illi dan huwa kontestat.

5. Illi. subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi il-Parrocca ta' Rahal Gdid, bl-ebda mod ma ikkomettiet xi agir derogatorju u bl-ebda mod ma kisret xi drittijiet morali, artistici, intelletwali tal-awtur, li Gianni Bonnici qed jirrekklama taht il-Kapitolu 415 u 418 tal-Ligijiet ta' Malta kif allegat.

6. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kien hemm matul is-snin, rinunzja ghad-drittijiet, partikolarment fir-rigward tan-nicca, ghax ghal diversi snin fl-istess nicca, meta kienet tinhareg l-istatwa ta' Kristu Re, kienu jitpoggew fiha oggetti ohra tal-Knisja, minghajr ebda opposizzjoni da parti tal-istess Ganni Bonnici.

7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, huwa assolutament michud illi il-konvenuti jew minn minnhom ikawzaw xi danni lill-atturi.

8. Illi, subordinatament u minghajr ebda pegudizzju, it-talbiet attrici huma kollha minghajr ebda fondament guridiku u fattwali, kif ser jigi ahjar spjegat fit-trattazzjoni tal-kawza u assolutament mhux minnu illi l-atturi ghandhom xi drittijiet illi qed jigu vjolati jew gew vjolati mill-konvenuti.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza wara kawza intavolata mill-atturi ibbazata fuq l-artikolu 12 tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta. L-atturi jghidu li Ganni Bonnici, li jigi r-ragel tal-attrici u missier l-atturi l-ohra, huwa l-awtur tal-istatwa ta' Kristu Re li kienet l-istatwa titulari tal-Basilica ta' Rahal Gdida sakemm din giet mibdula bi statwa maghmula minn artist iehor. L-atturi jghidu wkoll li Ganni Bonnici huwa awtur ta' nicca li kien ghamel sabiex tintuza b'mod specifiku biex titqieghed fiha l-istatwa msemmija. L-atturi jghidu li meta l-istatwa tnehhiet minn statwa titulari din tnehhiet minn nicca u tpoggiet fl-Oratorju, u fin-nicca issa qed jitqieghdu statwi ohra. Il-konvenuti ma jinnegawx dawn il-fatti, izda jghidu li kellhom kull dritt li jaghmel hekk u li fi kwalunke kaz Ganni Bonnici kien ceda d-drittijiet morali tieghu fir-rigward tan-nicca peress li ghal numru ta' snin kienu jitqieghdu statwi u oggetti ohra fiha u huwa qatt ma

protesta. Skont l-atturi, peress li l-konvenuti ma talbux il-kunsens ta' Ganni Bonnici biex jaghmlu dan, u peress li dan kollu jippregudika l-integrita tax-xogholijiet maghmula mill-istess Bonnici b'detriment ghar-reputazzjoni u l-unur tieghu dan kollu jammonta ghall-lezjoni tad-drittijiet morali tal-awtur kif provdut fl-artikolu 12(1) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qed jitolbu rimedju minn din il-Qorti ai termini tal-Kapitolu 455 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-interess guridiku tal-attrici Pauline sive Polly Bonnici**

Il-konvenuti eccepew li l-attrici f'isimha proprju m'ghandhiex interess guridiku f'dawn il-proceduri ghaliex id-drittijiet vantati fir-rikors guramentat, jekk verament jezistu, jispettaw lil Ganni Bonnici u mhux lill-attrici.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha l-attrici tghid li din l-eccezzjoni illum il-gurnata hija sorvolata ghaliex zewgha gie nieqes fis-17 ta' Awissu 2019 u permezz tal-ahhar testment tieghu halla lilha bhala l-legatarja tal-opri artistici tieghu. Tghid li ghalhekk, issa li giet imessa fil-pussess tal-legat mholli lilha, hija ghandha interess guridiku dirett f'din l-azzjoni. Skont l-attrici anke qabel il-mewt ta' zewgha kellha l-interess guridiku rikjest f'dawn il-proceduri minhabba l-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma taqbilx mal-attrici li qabel il-mewt ta' zewgha kellha l-interess guridiku rikjest f'din il-kawza bis-sahha tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-komunjoni tal-akkwisti jidhlu dawk il-beni imsemmija fl-artikolu 1320 tal-Kodici Civili, u minn qari ta' dan l-artikolu huwa car li l-komunjoni tal-akkwisti hija kompriza minn beni patrimonjali. Minn naha l-ohra, din il-kawza giet imsejsa mhux fuq id-drittijiet tal-awtur ta' Ganni Bonnici, ossia *copyright*, izda fuq id-drittijiet morali tieghu bhala allegat awtur tal-opri mertu ta' dawn il-proceduri. Id-drittijiet morali tal-awtur mhumiex ta' natura patrimonjali izda huma drittijiet non-pekunarji intizi sabiex jipprotegu l-interessi personali tal-awtur fl-opra in kwistjoni, u b'mod partikolari l-identita tieghu bhala l-awtur u l-integrita tax-xoghol tieghu. Kif jispjega l-awtur Brian McCartney dwar id-drittijiet morali tal-awtur fis-sistemi legali tal-pajjiz Ewropej:

> "*The moral right can be distinguished from traditional property rights in that it purports to protect the personal rights of creative artists, as distinguished from their merely economic rights.* […] *This "moral right" extends beyond a simple property interest to include "non-property attributes of an intellectual and moral character which give legal expression to the intimate bond which*

> *exists between a literary or artistic work and its author's personality; it is intended to protect his personality as well as his work*."”[1]

Tant dawn id-drittijiet filfatt huma distinti mid-drittijiet tal-awtur li l-awtur ma jistax legittimament jittrasferixxi d-drittijiet morali tieghu waqt hajtu, u dan skont il-proviso tal-artikolu 12(2) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta’ Malta. Din il-projbizzjoni ta’ trasferiment ta’ drittijiet morali ma tistax hlief tfisser li ghalkemm dawn id-drittijiet morali huma ta’ importanza kbira ghall-awtur bhala artist, m’ghandhom l-ebda valur pekunarju u ma jistghux jitqiesu bhala beni ghall-finijiet tal-artikolu 1320 tal-Kodici Civili. Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li qabel il-mewt ta’ Ganni Bonnici l-attrici ma kellhiex l-interess guridiku rikjest sabiex tippromwovi din l-azzjoni.

Wara l-mewt ta’ Ganni Bonnici pero, id-drittijiet morali tal-awtur li huwa seta’ jgawdi fl-opri mertu ta’ dawn il-proceduri setghu jigu trasferiti skont dak dispost fl-artikolu 12(3) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jipprovdi hekk:

> “(3) Mal-mewt tal-awtur –
> (a) id-dritt jgħaddi lil dik il-persuna li huwa jista’ permezz ta’ dispozizzjoni testamentarja speċifikament jindika, b’dan illi meta dik il-persuna tmut id-dritt jgħaddi għal għand is-suċċessur tagħha;
> (b) jekk ma jkunx hemm indikazzjoni bħal dik iżda d-drittijiet tal-awtur fuq ix-xogħol ikunu jagħmlu parti mill-eredità tiegħu, id-dritt jgħaddi għal għand il-persuna għand min jgħaddu d-drittijiet tal-awtur;
> (ċ) jekk jew daqskemm id-dritt ma jgħaddix taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (b) dan ikun eżerċitabbli mill-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.”

Wara li rat it-testment ta’ Ganni Bonnici l-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-attrici li zewgha hallielha d-drittijiet tal-awtur, inkluz id-drittijiet morali, li huwa ghandu fl-opri artistici tieghu. Skont il-paragrafu (C) tat-Tieni Artikolu tat-testment unica carta tas-26 ta’ Frar 2008 Ganni Bonnici halla b’titolu ta’ legat lil martu l-attrici:

> “In piena proprjeta’ l’opri artistici kollha, sia jekk huma xoghol tat-testatur kif wkoll dawk li huma xoghol ta’ artisti ohrajn, li t-testatur jkun jipposjedi fil-gurnata ta’ mewthu.” (*fol.* 180)

Fil-fehma ta’ din il-Qorti il-bran appena riportat ma jistax jigi validament interpretat bil-mod kif qed tinterpretah l-attrici. Huwa car li permezz ta’ dan il-legat zewgha hallielha l-opri artistici innifishom u mhux id-drittijiet tal-awtur u/jew id-drittijiet morali li

[1] B.T. McCartney, "Creepings" and "Glimmers" of the Moral Rights of Artists in American Copyright Law, UCLA Entertainment Law Review, 6(1) (1998) 37.

huwa jista' jkollu fl-istess opri. Dan tant illi b'dan il-legat huwa ma halliex lill-attrici opri artistici li huma xoghlu biss, izda wkoll dawk li huma xoghol ta' artisti ohrajn. Barra minn hekk, il-Qorti tqis li fi kwalunke kaz dan il-legat bl-ebda mod ma' jolqot l-opri mertu ta' dawn il-proceduri. Il-legat jaghmilha cara li jirrigwarda biss dawk l-opri artistici li kienu fil-pussess ta' Ganni Bonnici sal-gurnata tal-mewt tieghu. Huwa indubitat pero li l-opri li dwarhom hija din il-kawza ma kinux fil-pussess ta' Ganni Bonnici fil-gurnata tal-mewt tieghu, peress li mhux kontestat li dak iz-zmien kienu, u ghadhom s'issa, fil-pussess tal-Basilica ta' Rahal Gdid. Minn dan isegwi li dawn l-opri huma eskluzi mill-applikabbilita ta' dan l-artikolu tat-testment imsemmi.

Ghalhekk, id-drittijiet morali ta' Ganni Bonnici fl-opri mertu ta' dawn il-proceduri llum il-gurnata huma vestiti fl-eredi tieghu, u cioe uliedu Herman u Kurt Bonnici, li gew innominati u istitwiti minnu bhala l-unici eredi universali tieghu bis-sahha tar-raba artikolu tal-imsemmi testment. Dan bis-sahha ta' dak dispost fl-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li bhala l-eredi universali tieghu id-drittijiet tal-awtur ta' Ganni Bonnici jghaddu ghandhom, u dan minghajr pregudizzju ghal dak li ghad jista' jigi determinat dwar jekk Ganni Bonnici kellux jew le drittijiet tal-awtur fuq l-opri in kwistjoni.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi milqugha u l-konvenuti qed jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tal-attrici Pauline sive Polly Bonnici.

**Legittimu kontradittur**

Il-konvenuti eccepew ukoll li l-konvenuta Dottor Michelle Tabone bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Charles J Scicluna, Arcisqof ta' Malta, mhijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom l-atturi jargumentaw li din l-eccezzjoni hija infondata l-ewwel nett ghaliex il-Basilica ta' Rahal Gdid taqa' taht l-Awtorita tal-Arcisqof ta' Malta u t-tieni nett ghaliex l-involviment tal-Arcisqof Charles J Scicluna jirrizulta ampjament mill-provi.

Il-Qorti rat li mix-xhieda tal-Kanonku Dun Marc Andre Camilleri, kappillan tal-Basilica ta' Rahal Gdid, jirrizulta li l-bidla tal-istatwa titulari tal-basilica saret wara li kien hemm

kompromess mal-Arcisqof biex jigi rizolt disgwid intens li kien hemm bejn il-kazini tal-banda, li kien in parti ikkawzat minhabba li l-Knisja ma kinitx qed tirrikonoxxi wiehed minn dawn il-kazini. Il-Kanonku Camilleri jispjega hekk dwar dan ”...wasalna ghal kompromess mal-Arcisqof jigifieri li l-banda li kienet twaqqfet minhabba d-digriet li ma jirrokonoxiex baned ohra hareg wara li twaqqfet hi tigi rikonoxxuta u tintlaqa d-donazzjoni tal-istatwa titulari” (*fol.* 228). Fl-atti filfatt gie prezentat digriet moghti fil-Kurja Arciveskovali ta’ Malta mill-Arcisqof Charles J. Scicluna fit-12 ta’ Lulju 2012 permezz ta’ liema huwa awtorizza lill-konvenut Kanonku Dun Marc Andre Camilleri biex jilqa b’donazzjoni l-istatwa ta’ Kristu Re wara talba li kienet saret lilu mill-istess Dun Camilleri fit-12 ta’ Lulju 2016 (*fol.* 244). F’din it-talba Dun Camilleri kien ghamilha cara li l-permess li kien qed jitlob kien sabiex din l-istatwa tibda tintuza ”flok il-vara titulari li hemm bhal issa” (*fol.* 243). Dan huwa ferm relevanti ghaliex il-hames talba attrici hija proprju li jigi dikjarat li gie vjolat dritt morali tal-awtur ”meta l-istatwa ta’ Kristu Re ma baqghetx titular.” Ghalhekk, galadarba jirrizulta *prima facie* li l-Arcisqof kien involut fil-kwistjoni tat-tibdil tal-istatwa titulari tal-parocca l-eccezzjoni tal-konvenuti li mhuwiex il-legittimu kontradittur hija infondata. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Il-mertu**

Qabel ma tikkonsidra l-mertu tal-kawza odjerna, il-Qorti tqis li ghanda tezamina zewg argumenti maghmula mill-konvenuti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom li jirrigwardaw il-ligi applikabbli f’dan il-kaz.

Il-konvenuti jargumentaw illi f’din il-kawza ghandha tigi applikata l-ligi kanonika ghaliex din il-kawza titratta materja ekklezjastika u allura l-ligi kanonika taghmel stat skont il-gurisprudenza. Il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dan l-argument. Il-fatt li l-opri li jifformaw il-mertu ta’ din il-kawza huma opri religjuzi ma jfissirx li din il-kawza titratta materja ekklezjastika. Din il-kawza hija dwar l-allegati drittijiet morali tal-awtur, li hija materja civili regolata esklussivament mill-ligi sekulari tal-pajjiz. Filfatt id-dritt morali tal-awtur huwa provdut u rregolat fil-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-protezzjoni moghtija lill-interessi tal-awturi fix-xogholijiet artistici maghmula minnhom trid ghalhekk tigi garantita b’mod ekwu lil kull min jidher quddiem dawn il-Qrati, minghajr

l-ebda distinzjoni ibbazata fuq ir-religjon peress li dan huwa projbit kemm mill-Kostituzzjoni u kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea.

Argument iehor li jressqu l-konvenuti fir-rigward tal-ligi applikabbli huwa li skont l-artikolu 60(3) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta l-ebda azzjoni taht dik il-ligi ma tista' tittiehed dwar haga li tkun saret qabel ma dahal fis-sehh il-kapitolu msemmi ghar-rigward ta' drittijiet li huma rikonoxxuti fil-Kapitolu 415 izda li ma kinux rikonoxxuti fl-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur li gie mhassar bil-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuti jsostnu li ghalhekk din l-azzjoni hija improponibbli peress li skont l-artikolu 11 tal-Kapitolu 196 meta x-xoghol ikun ikkommissjonat minn persuna li ma tkunx il-persuna li timpjega l-awtur, id-drittijiet tal-attur jitqiesu li jkunu trasferiti lil persuna li tkun ikkommissjonat ix-xoghol, salv ghal ftehim mod iehor bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis li dan l-argument huwa wkoll infondat. L-artikolu 11 tal-Kapitolu 196 jaghmel referenza ghad-"drittijiet tal-awtur moghtija bl-artikolu 4 u 5" li t-tnejn jittrattaw id-drittijiet tal-awtur, ossia *copyright,* mentri din il-kawza hija msejsa fuq id-drittijiet morali tal-awtur, li fil-Kapitolu 196 kien regolat permezz tal-artikolu 14 mhux l-artikoli 4 u 5. Ghalhekk l-artikolu 11 citat mill-konvenuti mhuwiex applikabbli f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tosserva li d-dritt vantat mill-atturi kien filfatt rikonoxxut fil-ligi l-qadima, ai termini tal-artikolu 14, u ghalhekk huwa possibli ghall-atturi li jressqu kawza taht il-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta skont dak provdut fl-artikolu 60(3) tal-istess Att.

Sorvolati dawn l-argumenti il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tezamina l-pretensjonijiet tal-atturi u d-difiza mressqa mill-konvenuti f'dan ir-rigward. Mhuwiex kontestat li l-istatwa u n-nicca in kwistjoni huma xogholijiet artistici ghall-finijiet tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress li pero l-konvenuti jikkontestaw li Ganni Bonnici huwa elegibbli ghall-protezzjoni moghtija permezz tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li, skont huma (i) mhuwiex meqjus bhala l-awtur tal-opri in kwistjoni u (ii) l-istatwa mhijiex xoghol originali, il-Qorti sejra l-ewwel tiddetermina dawn iz-zewg fatturi.

**I. L-istatwa**

**I.I. L-awtur**

Il-konvenuti jargumentaw li Ganni Bonnici qatt ma kien il-proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur fuq l-istatwa mertu ta' din il-kawza. Skont il-konvenuti huwa Matteo Insam li jgawdi minn drittijiet tal-awtur fuq din l-istatwa ghaliex kien hu li holoq din l-istatwa u hija espressjoni tieghu, u ghalhekk huwa l-istess Insam li jaqa' entro l-parametri tad-definizzjoni tat-terminu "awtur" skont l-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta. L-konvenuti jargumentaw li Ganni Bonnici semmai jista' ghandu drittijiet tal-awtur fuq l-abbozz tal-istatwa, izda huwa biss Matteo Insam li huwa elegibbli ghad-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-istatwa innifisha.

It-terminu "awtur" huwa definit fl-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan il-mod:

> ""awtur" tfisser il-persuna naturali jew grupp ta' persuni naturali li jkunu ħolqu x-xogħol eliġġibbli għad-dritt tal-awtur iżda fil-każ ta' xogħol awdjoviżiv tinkludi lid-direttur prinċipali iżda teskludi lill-produttur tal-ewwel fissazzjoni tax-xogħol awdjoviżiv;"

Il-konvenuti jinsistu li peress li kien Matteo Insam li ghamel ix-xoghol tal-iskultura tal-injam, huwa hu li holoq ix-xoghol eleggibbli ghad-dritt tal-awtur u ghalhekk huwa hu li huwa meqjus bhala l-awtur tal-istatwa in kwistjoni skont il-ligi. Il-Qorti tqis pero li b'dan l-argument il-konvenuti qieghdin jinsew li fid-definizzjoni citata minnhom il-ligi titkellem mhux biss dwar xoghol mahluq minn persuna naturali wahda, izda wkoll dwar xoghol mahluq minn "grupp ta' persuni naturali." Ghalhekk il-fatt li wahdu l-prodott finali ma sarx minn Ganni Bonnici ma jfissirx awtomatikament li l-ligi ma tqis lil Bonnici bhala awtur ta' dak ix-xoghol. Dak li jrid jigi determinat huwa jekk l-istatwa mertu ta' dawn il-proceduri tikkwalifikax bhala "xoghol ta' ko-awturi", u jekk Ganni Bonnici huwiex wiehed mill-ko-awturi taghha. It-terminu "xoghol ta' ko-awturi" huwa definit hekk fl-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ""xogħol ta' ko-awturi" tfisser xogħol prodott bil-kollaborazzjoni ta' żewġ awturi jew iżjed li fih il-kontribuzzjoni ta' kull awtur ma tkunx separabbli mill-kontribuzzjoni tal-awtur l-ieħor jew tal-awturi l-oħra;"

Ghalhekk dak li trid tiddetermina din il-Qorti huwa jekk l-istatwa mertu ta' dawn il-proceduri giet prodotta bil-kollaborazzjoni ta' Ganni Bonnici u Matteo Insam, u jekk il-kontribuzzjoni ta' kull wiehed minnhom hijiex jew le separabbli mill-kontribuzzjoni tal-iehor.

Il-Qorti tosserva li din id-definizzjoni “xoghol ta’ ko-awturi” tirrifletti d-definizzjoni ta’ “*works of joint authorship”* tal-Copyright, Designs and Patents Act tar-Renju Unit, fejn fl-artikolu 10(1) dan it-terminu huwa definit hekk:

> “*In this Part a “work of joint authorship” means a work produced by the collaboration of two or more authors in which the contribution of each author is not distinct from that of the other author or authors*.”

Is-sentenza awtoritatevoli dwar l-interpretazzjoni ta’ dan l-artikolu inghatat mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta’ Mejju 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Julia Kogan vs Nicholas Martin et.**[2] F’din is-sentenza il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat li s-segwenti elementi huma determinanti sabiex jigi konkluz jekk persuna tikkwalifikax jew le bhala ko-awtur:

i. Trid tirrizulta l-ezistenza ta’ kollaborazzjoni bejn tnejn jew iktar individwi, fis-sens illi jrid jirrizulta li bejn dawn l-individwi kien hemm “*common design as to general outline and a sharing of labour*”, ghalkemm huwa irrelevanti jekk l-intenzjoni tal-istess individwi kinitx filfatt li joholqu xoghol ta’ ko-awturi;

ii. L-allegat ko-awtur irid ikun ta kontribut ghall-holqien tal-opra in kwistjoni li jmur oltre is-semplici oghti ta’ idea tal-opra in kwistjoni. Dan ma jfissirx pero li hemm xi limitu minimu ta’ kontribuzzjoni li trid tinghata minn allegat ko-awtur biex il-kontribut tieghu jitqies sufficjenti sabiex l-opra tigi kkaratterizzata bhala xoghol ta’ ko-awturi. Fis-sentenza citata per ezempju, il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat li l-kontribuzzjoni tal-appellanta kienet sufficjenti ghall-finijiet ta’ din id-determinazzjoni wara li rat li bl-gharfien taghha fil-kamp relevanti, l-appellanti kien tat suggerimenti li gew inkluzi f’xeni importanti u kellhom impatt sostanzjali fuq il-plot, karattri u djalogi tal-i*screenplay* li kien mertu ta’ dak l-appell.

iii. Il-kontribuzzjoni tal-allegat ko-awtur trid ikun “*authorial.*” Fis-sentenza citata gie kkonsidrat per ezempju li l-kontribuzzjoni tal-appellanti kienet “*authorial”* ghaliex kienet tinvolvi “[the] *creation, selection and gathering together of detailed concepts and emotions which the words have fixed in writing.*”

---

[2] Julia Kogan v Nicholas Martin & others, [2019] EWCA Civ 1645.

iv. Il-kontribuzzjoni tal-allegat ko-awtur ghandha wkoll tkun "*an expression of* [their] *own intellectual creation,* u hawnhekk il-fatt li d-decizjoni finali dwar dak li jigi inkluz jew le fl-opra finali ma tkunx tal-allegat ko-awtur hija irrelevanti;

v. M'ghandux ikun possibli li l-kontribuzzjoni tal-allegat ko-awtur tigi distinta u separata mill-bqija tal-opra b'mod li, kif intqal fis-sentenza citata "[t]*rying to separate them would be like trying to unmix purple paint into red and blue*."

vi. Is-sehem tal-allegat ko-awtur fl-*ownership* tal-opra in kwistjoni, fejn ghalkemm il-presunzjoni legali hija li kull ko-awtur ikollu sehem ugwali, mhuwiex mehtieg li dan ikun filfatt il-kaz sabiex jigi deciz li l-opra hija xoghol ta' ko-awturi.

Applikati dawn il-konsiderazzjoni ghall-fatti li jirrizultaw f'din il-kawza, il-Qorti tqis li m'hemmx dubbju li l-istatwa in kwistjoni hija xoghol ta' ko-awturi, li wiehed minnhom kien Ganni Bonnici.

Mhuwiex kontestat li wara li kien gie kkumissjonat ghal dan l-iskop minn Dun George Deguara, Ganni Bonnici kien iddisinja u ghamel abbozz tal-istatwa, filwaqt li l-istatwa tal-injam innifsa giet skolpita minn certu Matteo Insam, skultur Taljan. L-attrici Pauline Bonnici prezentat fuljett li kien inhareg mill-Parocca ta' Rahal Gdid fis-16 ta' Novembru 1999 li kien jispjega l-process involut fil-holqien ta' din l-istatwa. L-awtenticita ta' dan id-dokument u l-veracita tal-kontenut tieghu ma gewx kontestati mill-konvenuti. F'dan il-fuljett il-Parocca ta' Rahal Gdid spjegat hekk dwar il-persuni involuti fil-holqien ta' din l-istatwa:

> "Barra mill-artist Malti Ganni Bonnici li hadem l-abbozz *lifesize* fuq l-istatwa ta' l-injam hadmu erba' artisti Taljani, kollha esperti fil-qasam taghhom. Ix-xoghol principali ta' l-iskultura ta' l-istatwa sar minn Matteo Insam. L-iskultura tal-bordura tal-mant u tal-libsa saret minn artist iehor specjalizzat fl-iskultura fl-irqiq. Artist iehor ha hsieb l-indoratura waqt li z-zebgha giet fdata f'idejn artist iehor li xoghlu hu biss fuq iz-zebgha." (*fol.* 138).

Mill-istess fuljett jirizzulta s-segwenti:

- Ganni Bonnici kien originarjament gie kkumissjonat biex jaghmel abbozz zghir ta' din l-istatwa, izda insista li jekk l-abbozz li jaghmel jigi accettat, jaghmlu *life-size* u jkun dan l-abbozz li jintbaghat biex fuqu tigi esegwita l-istatwa

- Wara li saru xi suggerimenti fuq l-abbozz iz-zghir li ghamel Bonnici, huwa inkoprora dawn is-suggerimenti fl-abbozz *life-size,* liema abbozz *life-size* kien imbaghad gie approvat mill-Kurja f'Lulju 1998
- Waqt li Bonnici kien qieghed jahdem l-abbozz *life-size* bit-tafal, kien gie Malta Matteo Insam li kien qabel perfettament mal-abbozz kif kien qed jigi mahdum minn Bonnici, u saru xi kjarifici teknici (*fol.* 145);
- L-abbozz life-size tal-*fibreglass* intbaghat l-Italja f'Marzu 1999 u Insam dam xahrejn jahdem fuq l-iskultura fl-injam. Matul dan il-perjodu Bonnici kien mar l-Italja flimkien ma' ibnu l-Perit Herman Bonnici (*fol.* 161), Dun George Deguara u John Abela biex jivverifikaw l-iskultura li kien qieghed jaghmel Insam. F'dak l-istadju sar wkoll xi suggerimenti dwar l-iskultura tal-bordura u l-kulur tal-libsa, xaghar, karnaggjon u ghajnejn (*fol.* 145).
- Mill-affidavit tal-Perit Herman Bonnici jirrizulta li waqt li missieru kien qieghed l-Italja kif appena spjegat huwa "ukoll mess il-mudell tal-injam ghax kien hemm xi diskrepanzi ohra" (*fol.* 161). Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-konvenuti.

Il-Qorti tqis ghalhekk li l-kontribut ta' Ganni Bonnici jissodisfa pjenament l-elementi kollha hawn fuq imsemmija. Jirrizulta manifestament li l-istatwa in kwistjoni inholqot bil-kollaborazzjoni ta' Ganni Bonnici flimkien ma' Matteo Insam u l-artisti l-ohra li isimhom mhux maghruf li ghaqdu t-talent taghhom fl-oqsma distinti taghhom sabiex tinholoq din l-istatwa. Jirrizulta manifestament ukoll li l-kontribut ta' Ganni Bonnici kien strumentali sabiex din l-istatwa tkun dik li hi, u l-Qorti tqis li m'hemmx dubbju l-istatwa hija r-riflessjoni tal-vizjoni ta' Bonnici u espressjoni cara tal-holqien tal-"*intellectual creation"* tieghu. Ghalkemm huwa minnu li ma kienx Bonnici li ghamel l-iskultura tal-injam, jirrizulta li l-iskultura tal-injam giet esegwita fuq l-abbozz *life-size* tieghu, u kien Bonnici li ta karaterizzazzjoni lill-istatwa b'mod li kien strumentali ghall-estetika taghha biex tghin taghti l-messagg li kienet intiza li taghti. Dan jirrizulta mhux biss mill-provi dokumentarji hawn fuq imsemmija izda wkoll mir-ritratti mmarkati bhala Dok EC1 u Dok EC2 li juru li l-abbozz li ghamel Bonnici u l-istatwa finali huwa prattikament identici. Huwa minnu li l-istatwa tinkludi kuruna li mhijiex fl-abbozz, izda jirrizulta li dan huwa ghaliex il-kuruna giet ikkummissjonata wara li kienet saret l-istatwa. Jirrizulta wkoll li Bonnici mhux biss holoq id-disinn u l-abbozz *life-size* izda

kien issorvelja l-iskultura fl-injam u intervjena fejn din ma kinitx taqbel mal-abbozz tieghu, u anke kien involut fl-iskultura tal-bordura u fil-kuluri li kellhom jintuzaw ghall-istatwa. Fil-fehma tal-Qorti, il-kontribut tal-artisti kollha involuti fil-holqien ta' din l-istatwa mhuwiex separabbli mill-kontribuzzjoni tal-ohrajn. B'mod partikolari ghal Ganni Bonnici, peress li huwa l-kontribut tieghu li huwa relevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, il-kontribuzzjoni tieghu kienet determinanti ghall-karaterizazzjoni ta' Kristu Re kif muri f'din l-istatwa partikolari u ghall-estetika tal-istatwa, u ghalhekk huwa impossibli li l-kontribuzzjoni tieghu tigi separata mill-istatwa. Huwa irrelevanti li l-abbozz li ghamel Bonnici huwa materjalment separat mill-istatwa, ghaliex il-kontribuzzjoni tieghu fl-istatwa tmur oltre l-abbozz bhala oggett materjali billi tinkorpora l-estetika tal-istatwa u l-karaterizazzjoni ta' Kristu Re fiha, u ghalhekk apparti l-kontribuzzjoni materjali fis-sura tal-abbozz hemm ukoll din il-kontribuzzjoni ta' natura intangibbli li hija inseparabbli mix-xoghol in kwistjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li Ganni Bonnici jikkwalifika bhala ko-awtur tal-istatwa in kwistjoni.

**I.II. L-originalita**

Linja ohra ta' difiza tal-konvenuti hija li l-istatwa in kwistjoni mhijiex eligibbli ghal drittijiet tal-awtur ghaliex mhijiex xoghol originali. In sostenn ta' din il-linja difensjonali l-konvenuti producew bhala xhud lil Eman Camilleri li xehed li Dun George Deguara minn dejjem kellu idea cara dwar kif ghandha tkun l-istatwa, tant li kien qabbad lil certu Sandro Camilleri biex jilbes libsa bajda u hadlu ritratti f'diversi pozi biex jara kif ser jiddisinja l-istatwa (*fol.* 260). L-istess xhud prezenta ritratt ta' statwa (*fol.* 264) li huwa jghid li kien ghamel Dun George Deguara tas-Salvatur u li jghid ghandha xebh ma' dik mertu tal-kawza. (*fol.* 259)

Din il-Qorti ma tqis li din id-difiza ghandha tigi milqugha. L-ewwel nett fl-atti m'hemm l-ebda prova li Ganni Bonnici kien ra l-iskultura li ghamel Dun George Deguara. Minghajr tali prova ma jistax jinghad li Bonnici ikkopja x-xoghol ta' Dun George Deguara, ghaliex naturalment ma setax jikkopja dak li ma rax. Fi kwalunke kaz, il-Qorti tqis li ma jirrizultax li l-istatwa li taghha Bonnici huwa ko-awtur hija semplici replika ta' dik maghmula minn Dun George Deguara. Huwa minnu li hemm elementi

simili fil-kuncett ta' dawn l-istatwi, xi haga li fl-ahhar mill-ahhar hija konnessa mal-fatt li kien Dun George Deguara stess li kkummissjona lil Bonnici biex jaghmel l-istatwa in kwistjoni ibbazata fuq ix-xewqa tieghu li Kristu Re jigi muri b'aktar semplicita u mhux fi stil Barokk. Pero bejn iz-zewg statwi hemm numru ta' differenzi li jiddistingwuhom minn xulxin:

i. Il-poza tal-idejn hija differenti. Ghalkemm il-konvenuti jsostnu Bonnici biddel biss liema id hija merfugha, id-differenza ma tieqafx hawn. L-id merfugha fl-istatwa ta' Dun George Deguara hija 'l fuq mill-wicc, filwaqt li dik fl-istatwa mertu ta' dawn il-proceduri hija ferm aktar mifutha, u hija aktar l-isfel minn dik tal-istatwa ta' Deguara. Filfatt fl-istatwa ta' Deguara l-id merfugha qieghda aktar il-fuq mir-ras tal-istatwa, waqt li dik tal-istatwa in kwistjoni hija aktar baxxa tant illi l-polz huwa in linja mal-wicc, a kuntrarju ta' dik ta' Deguara fejn il-polz huwa 'l fuq mir-ras. Anke l-posizzjoni tal-id mhux merfugha hija differenti, peress li dik fl-istatwa ta' Dun George Deguara hija maghluqa quddiem it-torso tal-istatwa filwaqt li f'dik tal-istatwa in kwistjoni il-poza tal-id hija aktar miftuha, u filfatt l-id minn mal-minkeb qieghda f'posizzjoni vertikali minflok orizzontali kif inhi fl-istatwa ta' Deguara. Anke l-posizzjoni tas-swaba' ta' din l-id hija kompletament differenti.

ii. Il-poza tas-saqajn hija wkoll differenti. Fl-istatwa ta' Deguara wahda mis-saqajn tidher li qieghda bl-irkoppa mghawwga. Minn naha l-ohra, fl-istatwa in kwistjoni iz-zewg saqajn huma dritti.

iii. L-ilbies huwa wkoll differenti. L-istatwa ta' Deguara hija mlibbsa libsa b'cintorin mal-qadd, ghandha xi tip ta' rakkmu kannella mal-ghonq qisu forma ta' gizirana u wkoll mal-keffa tal-libsa izda l-ebda rakkmu mal-kmiem, u mant imlibbes b'mod vertikali mal-ispalla. Minn naha l-ohra l-istatwa in kwistjoni hija mlibbsa libsa minghajr cintorin. Id-dekorazzjoni tal-libsa hija tal-kulur id-deheb u mhux kannella, u hemm dekorazzjoni mal-keffa tal-libsa u tal-kmiem u l-keffa tal-ghonq, izda m'hemm l-ebda dekorazzjoni forma ta' gizirana kif hemm fuq l-istatwa ta' Deguara. Barra minn hekk, fuq l-istatwa in kwistjoni il-mant gie mlibbes b'mod vertikali, biex minn mal-ispalla jghaddi minn quddiem il-gisem minflok ma' jibqa' nizel dritt kif qieghed fl-istatwa ta' Deguara.

iv. L-istil tal-kuruna huwa kompletament differenti, oltre li l-kuruni huma ta' kulur differenti.

v. Mir-ritratt tal-abbozz tal-iskultura ta' Bonnici fejn jidher ix-xaghar peress li m'hemmx kuruna jirrizulta li anke l-forma tax-xaghar saret differenti fl-iskultura ta' Bonnici versu dik ta' Dun George Deguara.

vi. Huwa minnu li hemm xi ftit ta' similarita fil-fattizzi u l-karnagjon taz-zewg statwi, u dan naturalment fid-dawl tal-fatt li Kristu huwa wiehed mis-suggetti l-aktar popolari fl-arti u l-iskultura tal-kulturi Kristjani, fejn allura sal-llum il-gurnata zviluppaw certu normi estetici fil-karaterizzazzjoni tieghu. Detto dan, bejn iz-zewg statwi hemm bizzejjed differenza fil-wicc li anke jekk wiehed kellu jara biss il-wicc taz-zewg statwi ikun jista' jiddistingwihom.

Mehud in konsiderazzjoni dan kollu l-Qorti hija tal-fehma li l-istatwa in kwistjoni mhijiex sempliciment kopja ta' dik maghmula minn Dun George Deguara kif isostnu l-konvenuti izda hija espressjoni tal-inventiva artistika ta' Ganni Bonnici.

**II. In-nicca**

Il-Qorti tosserva li dwar in-nicca ma sar l-ebda argument fis-sens li mhijiex eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur jew li Ganni Bonnici mhuwiex l-awtur taghha, u lanqas ma tressqet ebda prova f'dan ir-rigward. Minn naha taghhom l-atturi, partikolarment tramite x-xhieda tal-Perit Herman Grech, urew illi din in-nicca kienet giet disinjata minn Ganni Bonnici b'ghan partikolari, u gew sottomessi wkoll dokumenti biex juru l-process tad-disinn taghha. Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li din in-nicca hija eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur u li Ganni Bonnici huwa l-awtur taghha.

Stabbilit ghalhekk li l-istatwa u n-nicca huma eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur u li Ganni Bonnici huwa ko-awtur u awtur taghhom rispettivament, jirrizulta li Ganni Bonnici, u llum il-gurnata l-eredi tieghu, huma eligibbli ghall-protezzjoni tad-drittijiet morali tal-awtur ai termini tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuti jikkontestaw pero li din in-nicca hija ancillari u kumplimentari ghall-istatwa in kwistjoni kif jikkontendu l-atturi. Skont il-konvenuti ma jistax ikun li n-nicca hija ancillari u kumplimentari ghall-istatwa ghaliex dawn ma gewx kummissjonati flimkien, peress li l-istatwa giet kummissjonata fl-1999 filwaqt li n-nicca giet kummissjonata fl-2000. Wara li rat il-provi li gew prodotti mill-partijiet il-Qorti tqis li

m'hemmx dubbju li din in-nicca kienet intiza sabiex tkun ancillari u kumplimentari ghall-istatwa, indipendentement mill-fatt li l-istatwa u n-nicca ma gewx kummissjonati fl-istess zmien.

Mill-provi jirrizulta li ghalkemm in-nicca giet kummissjonata xi snin wara li saret l-istatwa, din in-nicca kienet giet kummissjonata specfikatament ghall-istatwa in kwistjoni. Mix-xhieda tal-Perit Herman Bonnici u d-dokumenti esebiti minnu jirrizulta li din in-nicca giet maghmula b'qisien specifi biex jakkomodaw l-istatwa in kwistjoni. Mhux hekk biss izda jirrizulta wkoll li n-nicca giet maghmula biex tikkumplimenta l-istil tal-istatwa li ghalkemm hija ta' Krista Re ghandha stil partikolari peress li ma saritx fuq stil Barokk. Jirrizulta li kien ghalhekk li Ganni Bonnici kien attent li johloq in-nicca b'disinn li estetikament isegwi mill-istil u l-estitika tal-istatwa li kienet ser titpogga go fiha. Ghalhekk din il-Qorti tqis li huwa car u manifest li n-nicca hija intiza sabiex tkun kumplimentari ghall-istatwa in kwistjoni u ghalhekk ghandha titqies bhala ancillar ghaliha.

**Ksur tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-atturi jsostnu li hemm ksur tad-drittijiet morali tal-awtur ghaliex:

(i) l-istatwa in kwistjoni ma baghetx titulari u giet imnehhija min-nicca u tqeghdet f'post iehor, u b'hekk l-integrita tal-istatwa giet mittiefsa billi tnehhiet min-nicca maghmula ghall-installazzjoni u l-preservazzjoni taghha, li qed inaqqas mill-integrita tal-istess xoghol u r-reputazzjoni u l-unur tal-awtur;

(ii) jekk in-nicca tintuza ghal skopijiet ohra oltre t-tqeghid tal-istatwa iddisinjata minn Ganni Bonnici dan ser jikkostitwixxi azzjoni derogatorja li tkun ta' pregudizzju ghall-unur u r-reputazzjoni tal-awtur.

L-artikolu 12(1) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> "Ebda persuna, inkluż iċ-ċessjonarju ta' drittijiet tal-awtur jew detentur tal-liċenza bis-saħħa tagħhom, ma tkun tista' mingħajr il-kunsens tal-awtur, timmutila, timmodifika, tgħawweġ jew tassoġġetta għal xi azzjoni oħra ta' tmaqdir xi xogħol waqt il-perjodu tiegħu ta' drittijiet tal-awtur b'mod detrimentali għall-unur jew għar-reputazzjoni tal-awtur."

Ghalhekk sabiex it-talbiet attrici f'dan ir-rigward ikunu jistghu jirnexxu jehtieg li jigu sufficjentement pruvati erba' elementi u cioe:

i. li x-xoghol in kwistjoni gie mmutilat, immodifikat, mghawweg jew assoggettat ghal xi azzjoni ohra ta' tmaqdir;
ii. li dan sar minghajr il-kunsens tal-awtur;
iii. li dan sar waqt il-perjodu ta' drittijiet tal-awtur
iv. li dan sar b'mod detrimentali ghall-unur jew ghar-reputazzjoni tal-awtur.

Il-Qorti tibda billi tosserva li mhuwiex kontestat li l-istatwa in kwistjoni tnehhiet min-nicca maghmula minn Ganni Bonnici u wkoll li din l-istatwa m'ghadhiex l-istatwa titulari tal-Basilica ta' Rahal Gdid, u li dan sar minghajr il-kunsens ta' Ganni Bonnici u waqt il-perjodu tad-drittijiet tal-awtur.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li din l-istatwa m'ghadhiex l-istatwa titulari tal-Basilica ta' Rahal Gdid ma jista' qatt jammonta ghal ksur tad-drittijiet morali tal-awtur. It-tnehhija tal-istatwa minn statwa titulari tal-Basilica ma tissodisfax l-ewwel element imsemmi, u cioe li x-xoghol irid ikun gie mmutilat, immodifikat, mghawweg jew assoggettat ghal xi azzjoni ta' tmaqdir. Ghalkemm huwa minnu li l-ligi tahseb ghal modi ampji kif l-integrita tax-xoghol jista' jigi mittiefes bl-uzu tal-frasi "xi azzjoni ohra ta' tmaqdir" din il-frasi trid tigi interpretata skont ir-regola tal-*eusdem generis* u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni mahsuba mill-ligi trid tkun giet inflitta materjalment fuq ix-xoghol in kwistjoni jew b'xi mod naqset mill-integrita artistika taghha. Il-Qorti lanqas ma tqis li t-tnehhija tal-istatwa bhala statwa titulari tal-Basilica tammonta ghal mutilazzjoni jew modifikazzjoni peress li ghalkemm jirrizulta li li l-istatwa giet kummissjonata proprju biex tintuza bhala statwa titulari, ma jirrizultax li l-istatwa saret b'tali mod li jekk ma tintuzax bhala statwa titulari isir hsara lill-integrita artistika tal-istatwa. Jirrizulta li l-istatwa tissimbolizza lil Kristu Re fis-semplicita minghajr hafna deheb u dekorazzjoni, u t-tibdil tal-uzu u/jew lok tal-istatwa bl-ebda mod ma jippregudika dan is-simbolizmu.

Il-Qorti rat pero li l-istatwa in kwistjoni, apparti li tnehhiet minn statwa titulari, tnehhiet ukoll minn fuq l-isfera li kienet il-bazi taghha u tnehhiet anke minn nicca li kienet saret apozitament sabiex titqieghed fiha l-istatwa. Huwa minnu li l-isfera ma saritx minn Ganni Bonnici, izda mill-provi jirrizulta li meta giet ikkumissjonata l-istatwa in kwistjoni l-intiza kienet li l-isfera tintuza bhala l-bazi tal-istatwa. Dan tant illi mill-provi jirrizulta li s-saqajn tal-istatwa saru b'mod partikolari sabiex joqghodu fuq din l-

istatwa. Fil-fehma ta' din il-Qorti it-tnehhija tal-istatwa minn fuq din l-isfera tammonta ghal azzjoni ohra ta' tmaqdir b'mod detrimentali ghar-reputazzjoni jew l-unur tal-awtur kif ikkontemplat fl-artikolu 12(1) tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex m'hemmx dubbju li ghal osservatur oggettiv u ragonevoli li ma jafx bl-isfond fattwali ta' din il-kawza ser jidher li huwa nuqqas tal-artist innifsu li l-istatwa hija minghajr bazi, jew almenu minghajr bazi li tmur sewwa maghha.

Il-Qorti rat ukoll li bit-tnehhija tal-istatwa minn nicca li saret ghaliha, l-istatwa sofriet diversi hsarat. Ghalkemm il-konvenuti jghidu li m'hemmx prova li dawn il-hsarat sehhew minhabba dan, il-Qorti tqis li fuq bilanc ta' probabilitajiet hija ragonevoli l-konkluzjoni li l-isatwa qed isofri hsarat issa li mhijiex qed tigi kustodita sew. Il-fatt li l-istatwa qed tigi esposta b'dan il-mod ghall-elementi u hsara ghaliex tnehhiet minn nicca li saret appozitament biex tigi kkustodita fiha fil-fehma ta' din l-Qorti jfisser li l-istatwa qed tigi assoggetta ghal azzjoni ta' tmaqdir kif ikkontemplat fl-artikolu 12(1). Il-Qorti ma tqisx necessarjament li dan huwa detrimentali ghar-reputazzjoni tal-aritst, ghaliex osservatur ragonevoli qajla jattribwixxi dawn hsarat lill-artist, u semmai hemm aktar cans li tali hsara hija detrimentali ghar-reputazzjoni u l-unur tal-Basilica li qed tonqos milli tippreserva opra artistika u religjuza. Pero fil-fehma ta' din il-Qorti in-nuqqas tal-konvenuti li jiehdu hsieb l-integrita ta' din l-istatwa huwa detrimentali ghall-unur tal-artist ghaliex jaghti l-impressjoni li l-konvenuti ma jsibu l-ebda valur f'dan ix-xoghol artistiku u religjuz li tieghu Ganni Bonnici huwa ko-awtur tant li minflok jigi preservat ghaliex ghada pitghada kapaci jifforma parti mill-patrimonju kulturali tal-pajjiz jista' jigi kwazi kwazi skartat.

Dwar is-sitt talba, u cioe dik konnessa man-nicca, il-Qorti tibda billi tirrileva li ma taqbilx mal-konvenuti li Ganni Bonnici kien irrinunzja ghad-drittijiet li qed jigu vantati f'dawn il-proceduri ghaliex ghal numru ta' snin kienu jitpoggew statwi jew oggetti ohra fin-nicca minghajr ma qatt ipprotesta ruhu kontra dan. Bhal ma hija l-prassi ta' kull Knisja, fin-nicca kienu jitpoggew statwi jew oggetti ohra meta l-istatwa titulari kienet tinhareg min-nicca. Il-fatt li Ganni Bonnici accetta dan ma jfissirx li accetta li fin-nicca titpogga statwa ohra permanenti. Ghal din il-Qorti huwa car li l-kunsens ta' Ganni Bonnici kien biss fis-sens li b'mod temporanju u ghal zmien qasir jitpoggew statwi jew oggetti ohra in linja mal-prassi tal-Knisja. M'hemm l-ebda prova li Bonnici

accetta li n-nicca tintuza ghal skop iehor oltre t-tqeghid tal-istatwa in kwistjoni b'mod permanenti.

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta ampjament li din in-nicca saret b'mod specifiku ghall-istatwa in kwistjoni biex tkun tikkumplimentaha b'kull mod possibli, kemm mid-daqs u kif ukoll mill-istil taghha. Ghalhekk il-Qorti tqis li jekk jitqieghdu xi statwi jew oggetti ohra fiha din in-nicca tkun qed titlef hafna mis-sens u mill-valur artistiku taghha. Peress li n-nicca saret sabiex tikkumplimenta b'mod specifiku l-istatwa in kwistjoni, it-tqeghid ta' statwa ohra b'daqs differenti ser iwassal ghal distorsjoni tal-proporzjonijiet tan-nicca. Dan oltre l-fatt li n-nicca titlef hafna mis-sens estetiku taghha jekk fiha titpogga statwa li ma tkunx tikkumplimenta l-istil tan-nicca. Fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemmx dubju li dan ikun detrimentali ghall-unur u r-reputazzjoni tal-artist f'ghajnejn osservatur ragonevoli ghaliex oggettivament hemm riskju li l-osservatur ragonevoli jahseb li l-artist holoq xoghol li mhuwiex estetikament u proporzjonalment addattat ghall-funzjoni tieghu.

Il-Qorti taghmilha cara pero li dan ma jfissirx li l-konvenuti ghandhom tabilfors izommu in-nicca u l-istatwa gewwa l-Basilica innifisha kif jippretendu l-atturi. Ma tressqet l-ebda prova li t-tnehhija tal-istess mill-Basilica huwa oggettivament detrimentali ghar-reputazzjoni u l-unur tal-artist. Ghalkemm l-atturi jaghmlu referenza ghal xi kummenti li saru minn xi nies fuq Facebook il-Qorti tirrileva li minn qari ta' dawn il-kummenti huwa car li dak espress fihom kienet opinjoni ta' persuni li ma kienx joghgobhom l-istil tan-nicca li ma jirrizultax li kien influwenzat mill-azzjoni tal-konvenuti mertu ta' dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li d-drittijiet morali tal-awtur ma jipprotegux lill-istess awtur kontra opinjonijiet ta' terzi li ma jkunx joghgobhom ix-xoghol tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-hames u s-sitt talbiet attrici huma fondati u ser jigu milqugha fil-limiti kif kunsidrati mill-Qorti.

Dwar il-kumpens, il-Qorti tosserva li fil-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Jannar 2020 l-atturi ddikjaraw hekk:

> "L-atturi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' eventwali danni dwar lezjonijiet sofferti qeghdin jiddikjaraw li huma qed jitolbu biss €1 ghax mhux fl-interess

taghhom id-dannu pekunarju, izda li sehhet lezjoni a bazi tal-kapitlu tal-ligi mertu tal-kaz."

In vista ta' din id-dikjarazzjoni il-Qorti qed tillikwida d-danni li l-konvenuti ghandhom jithallsu mill-konvenuti fl-ammont ta' €1

Dwar it-talbiet l-ohra, u wara li rat dak dispost fl-artikolu 10 tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tipprojbixxi lill-konvenuti milli jqieghdu kwalunke statwa jew oggett iehor fin-nicca mertu ta' dawn il-proceduri hlief dik li kienet ukoll mertu ta' dawn il-proceduri. Fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubbju li l-istatwa ghandha tigi restawrata u ripristinata u cioe terga titpogga fuq l-isfera kif dejjem kienet intiza li tkun, u kustodita fin-nicca li giet maghmula appozitament ghaliha, u flimkien dawn ghandhom jinzammu f'post dinjituz u dekoruz ghal opra artistika u religjuza, anke jekk mhux necessarjament fejn kienet tinzamm u fejn sa issa ghad hemm in-nicca fil-Basilica ta' Rahal Gdid.

Inoltre, peress li din il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet kienet diga giet soggetta ghall-pubblicita mhux dejjem gusta ghal parti jew ohra, il-Qorti tqis li mhijiex f'postha t-talba tal-atturi ghall-ordni ta' pubblikazzjoni ta' din is-sentenza ai termini tal-artikolu 14 tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-istess sentenza ghandha tpoggi l-vertenza fi tmienha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni peress li diga giet deciza b'sentenza in parte u tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni talba attrici peress li diga decizi:

i. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara li l-attrici Pauline sive Polly Bonnici m'ghandhiex interess guridiku f'din l-azzjoni u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront taghha;

ii. Tichad it-tielet eccezzjoni;

iii. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi li l-istatwa ta' Kristu Re kif ukoll in-nicca li kienet maghmula ghall-istess statwa huma xogholijiet artistici u ghalhekk

igawdu mill-protezzjoni tad-drittijiet morali tal-awtur skont il-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li n-niccca ddisinjata minn Ganni Bonnici tikkumplimenta l-istatwa ddisinjata minnu stess u ghalhekk ghandha titqies bhala xoghol ancillari u kumplimentari ghaliha;

v. Tilqa' limitatament il-hames talba u tiddikjara li bit-tnehhija tal-istatwa min-nicca giet mittiefsa l-integrita taghha u dan bi ksur tad-drittijiet morali tal-awtur ai termini tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta;

vi. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li l-uzu tan-nicca ghal skopijiet ohra oltre t-tqeghid tal-istatwa in kwistjoni jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet morali tal-awtur ai termini tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta,

vii. Tilqa' s-seba', tmien u disa' talba u tordna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' ewro (€1) kif espressament mitlub mill-atturi stess;

viii. Tilqa' limitatament l-ghaxar talba u konsegwentement (a) tipprojbixxi lill-konvenuti milli juzaw in-nicca in kwistjoni ghal kwalunke skop iehor oltre t-tqeghid tal-istatwa mertu ta' dawn il-proceduri; (b) tordna lill-konvenuti sabiex entro sentejn millum jirrestawraw u jirripristinaw l-istatwa ghall-istatus quo ante, kif ukoll billi jqieghdu l-istatwa, inkluz l-isfera li dejjem intuzat bhala l-bazi taghha, fin-nicca mertu ta' dawn il-proceduri u jaraw li dawn jinzammu f'post dinjituz u dekoruz ghal opra artistika religjuza.

L-ispejjez ta' Pauline sive Polly Bonnici jithallsu kollha minnha, filwaqt li l-bqija tal-ispejjez jithallsu in kwantu ghal 20% mill-atturi u 80% mill-konvenuti in solidum.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur